


# L-Artal ta' San Gejtanu fil-Kolleġġjata Pawlina

minn Lorenzo Zahra

Wieħed mill-artali sbieħ u mżejna b'tant xogħol artistiku u rħamijiet fini fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu l-Belt, huwa bla dubju l-artal iddedikat lil SAN GEJTANU Konfessur. Dan wieħed jarah sewwa sew fin-naħa tal-Vanġelu tal-istess Knisja. Barra mix-xogħol tant fin fi rħamijiet li fih l-artal, wieħed ma jistax ma jarax ukoll il-prospettiva tal-istess kappella (maġġuri).

Dan ix-xogħol kollu ta' rħamar u dekorazzjoni nistgħu ngħidu li l-aħħar li sar kien mill-marmista Giuse Dalli, iben Marija mill-Belt Valletta. Huwa ħaseb biex għamel dan ix-xogħol kollu għalkemm jidher li ġa minn snin qabel l-artal kien imżejjen bl-irħam.

Il-ftehim biex iseħħ dan sar fl-24 ta' Ottubru 1797 fil-Kurja tal-Isqof. Għal dan il-għan kien deher ir-Reverendu Mikiel Angelo Bigeni, iben Ġorġ mill-Belt, bħala deputat tal-Isqof, Monsinjur Vincenzo Labini. Dan offra wkoll somma ta' 1000 skud biex l-artist jibda dan ix-xogħol u jħallas dak meħtieġ.

Fil-ftehim wieħed jara kemm dettalji u obbligazzjonijiet saru għal dan ix-xogħol li kellu jkun lest sa Ġunju ta' wara. Is-somma kellha tinkludi l-ispiża tal-irħam, it-trasport, ix-xogħol fil-ġebel, il-lavranti tal-ġibs, l-iskultura fl-injam, l-induratura ta' skultura eżistenti bid-deheb tal-aħjar kwalità, kif ukoll jissemmew dettalji tat-tabernaklu u wkoll tal-post fejn għandu jinżamm l-irħam waqt ix-xogħol.

Il-ftehim isemmi wkoll gwarniċa tal-irħam tal-Giallo di Siena għall-kwadru, u li l-gwarniċa tkun taqbel ma' dak li hemm fil-kor. L-artist kien obbligat jagħmel ukoll il-pilastri fil-prospettiva bi rħam ħadrani u li jkun lest li jitkompla 'l quddiem.

Il-marmista kellu jobbliga ruħu li meta jkun hemm ħtieġa li jsir Quddies, l-artal ikun liberu. Tissemma wkoll prospettiva bi xbiha ta' Sant' Anna. Minn hekk allura wieħed jikkonkludi li wara x-xogħol ta' dan Dalli, kien sar it-tmiem tal-proġett kollu billi ix-xbiha ta' Sant' Anna saret parti mill-kwadru eżistenti li sar wara mill-pittur Hyzler.

Fil-fatt illum naraw fil-kwadru tal-artal ta' San Gejtanu, ix-xbieha tal-Immakulata Verġni Marija mdawra bil-Qaddisin prominenti fosthom San Gejtanu. Hemm ukoll San Andrea Avellino, Qaddis Teatin. Naraw ukoll lil Sant' Anna u lil Santa Barbara, it-tnejn juru

li kien hemm kongregazzjonijiet tagħhom f'din il-kolleġġjata. Naraw ukoll lir-raġel ta' Sant' Anna, San Ġwakkin.

Il-faċċata bl-artal b'kollox hija miksija b'irħam sabiħ u rikk u b'xogħol ta' gwarniċar u portali mill-isbaħ. Ħarsa lejn l-artal u l-prospettiva turi l-ħila tal-marmisti li kellna fostna.

*ref: AAM Atti Ċivili Vol 157 pġ 145*



*Il-Pittura li żżejjen l-altar ta' San Gejtanu fil-Knisja ta' San Pawl il-Belt, xogħol ta' Hyzler.*


# ĦAMRUN SPARTANS Football Club Bar



*Fully airconditioned bar, genuine drinks and apitizers served all week.*

Prop. Manuel Vella

*Open all week: 9.00 a.m. - 2.30 p.m.*
*5.30 p.m. till late*